**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 228/2021**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**-Vs-**

**TIMOTHY JOSEPH ABELA**
**(ID: 0546881M)**

**Illum, 31 ta' Mejju 2021**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **TIMOTHY JOSEPH ABELA** detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0546881M, tressaq quddiemha akkuzat talli fis-16 ta' Dicembru 2020 u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data, f'hinijiet differenti tal-gurnata, gewwa dawn il-gzejjer:-

1. Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
2. U b'hekk sar recidiv a terminu tal-Artikoli 289 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija barra li tapplika skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u il Qorti hija gentilment mitluba ukoll sabiex tordna lill-imputat ihallas id-danni ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali fl-4 ta' Mejju 2021 a tenur tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kap. 9 sabiex il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur fis-seduta tat-4 ta' Mejju 2021, jaqra u jikkonferma l-akkuzi bil-gurament;

Semghet lill-imputat waqt l-ezami iwiegeb li huwa hati;

Rat illi wissiet lill-imputat dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu, spjegat l-imputazzjonijiet li jinsab mixli bihom u ssospendiet fattwalment is-seduta biex taghti zmien lill-imputat biex jahseb sew dwar din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu;

Rat illi minkejja dan, il-Qorti semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu anke wara illi nghata zmien biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li l-Qorti spjegatlu l-pieni erogabbli ghall-akkuzi li jinsab mixli bihom;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2021;

Rat illi l-kawza kienet imhollija llum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi kif inghad, l-imputat ammetta ghall-akkuza migjuba kontrih u ghall-addebitu tar-recidiva u ghaldaqstant, in vista ta' din l-ammissjoni li del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukati difensuri tieghu u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew debitament ippruvati u b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tal-istess imputazzjonijiet.

Ghar-reat ta' ricettazzjoni addebitat fl-ewwel imputazzjoni u li ammetta l-htija tieghu l-imputat, il-ligi fl-Artikolu 334 tiddisponi illi jekk il-ħaġa tkun ġejja minn serq, il-hati jehel il-pieni tas-serq, skont il-valur tal-ħaġa. Issa fil-kaz in dizamina jirrizulta mit-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni, tal-parti leza u tad-difiza dwar il-piena, illi l-imputat kien xtara *airconditioning unit* wiehed li kien misruq minn terzi mill-pussess tal-parti leza, u sussegwentement biegh l-istess unit lil terzi. Il-partijiet kollha qablu wkoll illi l-valur approssimattiv ta' dan il-unit huwa ta' tliet mija u hamsin Euro (€350).

Dan hu relevanti ghaliex ifisser li l-piena li ghandha tigi erogata fuq dikjarazzjoni ta' htija ghar-reat ta' ricettazzjoni hija dik stipolata mill-Artikolu 279(a) tal-Kodici Kriminali, applikabbli bhala piena ghar-reat ta' serq aggravat bil-valur skont kif mahsub fid-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 261(c) u 267, meta l-valur ma jeccedix is-somma ta' €2,329.37. Il-piena f'dan il-kaz huwa ta' prigunerija minn hames xhur sa tliet snin izda billi l-imputat ammetta wkoll ghall-addebitu tar-recidiva taht l-Artikolu 289 tal-Kap. 9, din il-piena tista' tizdied bi grad jew tnejn fil-kaz tat-tieni kundanna. Jirrizulta, effettivament, illi dan huwa proprju t-tieni kundanna tal-imputat ghal reat ta' serq ghaliex kif il-fedina penali tieghu[1] tindika li huwa gie kundannat ghal reati ta' serq u ricettazzjoni permezz ta' sentenza moghtija fit-28 ta' Novembru 2002.

[1] Fol. 3.

Huwa minnu illi l-Artikolu 289 tal-Kap. 9 jipprovdi espressament illi d-dispozizzjonijiet tieghu japplikaw fil-kazijiet ta' recidiva fid-delitt ta' serq taht is-Sub Titolu I (Fuq is-Serq) tat-Titolu IX (Fuq Delitti Kontra l-Proprjeta` u Kontra s-Sigurta` Pubblika) tat-Tieni Taqsima tal-Ewwel Ktieb tal-Kap. 9, u hu minnu wkoll illi r-reat ta' ricettazzjoni m'huwiex fost id-delitti taht l-imsemmi Sub Titolu I. Madanakollu, il-Qorti, wara li rat illi d-delitt ta' ricettazzjoni jinsab fost id-dispozizzjonijiet generali li jghoddu ghall-imsemmi Titolu IX, tqis illi hu evidenti li dan id-delitt huwa kompriz fost dawk id-delitti prospettati mill-Artikolu 289, fejn f'kaz ta' recidiva f'dawk id-delitti, il-piena tista' tizdied kif hemm mahsub.

Ikkunsidrat ;

Waqt it-trattazzjoni, id-difiza argumentat illi peress li mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija jirrizulta li l-imputat kien diga` lahaq biegh l-*airconditioning unit* lil terzi u ma ghamel l-ebda qligh minn dan ir-reat, ma jistax jigi kkundannat la li jirrestitwixxi l-oggett li laqa' ghandu b'ricettazzjoni u lanqas li jhallas xi kumpens jew danni lill-parti leza ghaliex semmai, dan l-oggett jista' jigi irkuprat minghand il-persuna li xtara l-unit in kwistjoni bil-konsegwenza ta' arrikkiment indebitu da parti tal-istess parti leza a skapitu tal-imputat.

Izda l-Qorti tqis li dan l-argoment ma jregix. Il-Qorti tifhem illi jekk fiz-zmien tat-twettiq tar-reat in dizamina il-parti offiza tkun batiet telf u dan it-telf ikun ghadu qed tbatih sal-gurnata tal-kundanna tal-imputat ghal dan ir-reat, ma hemm assolutament xejn li jimpedixxi li b'zieda mal-piena jinghata wkoll ordni ghar-restituzzjoni jew hlas ta' danni biex il-parti offiza tigi kkumpensata ghal din il-hsara jew telf galadarba ma tkunx ghadha diga` lahqet giet ikkumpensata minn terzi u dan irrispettivament mill-gwadann o meno li seta' ghamel l-imputat b'effett tar-reat.

Din il-konkluzjoni hi msahha mid-dispozzjonijiet tal-Artikolu 335 tal-Kap. 9 li anke ghall-fini tal-kalkolu tal-valur tal-hsara kkagunata bir-reat, iqisu mhux il-qligh

maghmul mill-hati bil-kommissjoni tar-reat izda l-hsara sofferta mill-offiz fiz-zmien tar-reat :-

« *Fir-reati li għalihom il-piena tiġi mogħtija skont ma jkun il-valur tal-ħsara, dan il-valur ma jiġix meqjus mill-qligħ li jkun għamel il-ħati, lanqas mill-imgħaxijiet li jiżdiedu ma' dak il-qligħ, iżda jitqies biss fuq kemm tkun fil-fatt* ***il-ħsara bħal ma jkun batiha l-offiż fiż-żmien tar-reat****.* » [emfasi tal-Qorti]

Issa fiz-zmien tar-reat ta' ricettazzjoni li ghalih l-imputat odjern ammetta l-htija tieghu, cioe` fiz-zmien meta l-imputat laqa' ghandu l-*airconditioning unit* misruq, il-hsara subita mill-parti offiza kienet ekwivalenti ghall-valur tal-unit in kwistjoni fis-somma ta' €350. Il-fatt li l-imputat seta' biegh il-unit ghall-istess prezz li huwa kien xtrah, m'huwa ta' ebda fejda ghalih u huwa immaterjali sija ghall-fini tal-piena u sija wkoll ghall-fini tal-hsara súbita mill-parti leza li, f'dak il-waqt tar-reat kienet ghadha sprovvista mill-oggett di proprjeta` taghha u kienet ghalhekk qieghda tbati telf fil-valur tal-istess oggett fis-somma ta' €350. Mit-trattazzjoni dwar il-piena, il-Qorti fehmet li l-parti offiza ma gietx ikkumpensata ghat-telf li soffriet bis-serq tal-*airconditioning unit* in kwistjoni li laqa' ghandu l-imputat u m'hemm xejn fl-atti li jindika mod iehor.

Ikkunsidrat;

Illi ghall-fini tal-piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti fuq dikjarazzjoni ta' htija tal-imputat, il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom in-natura indiskutibbilment serja tar-reat, izda wkoll il-fatt illi l-valur tal-oggett m'huwiex wiehed konsiderevoli, l-ammissjoni immedjata tal-imputat li saret fl-iktar stadju bikri tal-kumpilazzjoni, ossia waqt l-ezami tal-istess imputat a tenur tal-Artikolu 392 tal-Kapitolu 9 u – skont kif jirrizulta mit-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni - il-ko-operazzjoni pjena li wera l-imputat waqt l-investigazzjonijiet tal-Pulizija f'dan ir-reat. Ghandu jinghata wkoll id-debita konsiderazzjoni ghall-fatt illi l-imputat ghalkemm qed jinstab hati wkoll, fuq ammissjoni, tal-addebitu tar-recidiva taht l-Artikolu 289 tal-Kap. 9,

kien gie ikkundannat darba wahda biss kwazi ghoxrin sena ilu u hlief ghar-reat odjern, ghandu fedina penali kompletament netta.

F'dan l-isfond, il-Qorti tqis li l-imputat ghandu jibbenefika mill-**<u>ahhar opportunita</u>`** biex jaghraf li ghandu joqghod 'il boghod mill-kriminalita` u biex jiehu hsieb jirriforma ruhu darba ghal dejjem. Ghalhekk, fil-qies taċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluża x-xorta tar-reat, hija l-fehma taghha li ma jkunx spedjenti li twaħħal piena izda jkun xieraq minflok, li taghti ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata fil-konfront tal-imputat flimkien ma' ordni ghall-hlas tad-danni subiti mill-parti leza.

Ikkunsidrat;

Illi ghalkemm il-parti offiza talbet waqt is-seduta tal-4 ta' Mejju 2021 li jigi ordnat divjet fuq il-pubblikazzjoni tal-isem taghha u dan ghall-fini li ma ssirx hsara lir-reputazzjoni taghha, il-Qorti tqis li ma ntweriex sodisfacjentement kif il-pubblikazzjoni ta' isimha b'rabta mar-reat ta' ricettazzjoni li qed jinstab hati tieghu l-imputat odjern, tista' tkun ta' hsara ghaliha *multo magis* meta l-atti ta' din il-kawza u din is-sentenza ma fihom l-ebda taghrif kwalsiasi dwar il-kommissjoni tad-delitt u jew dwar ir-rabta tieghu ma' reati ohrajn. Ghaldaqstant, anke ghaliex id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 517 tal-Kap. 9 mhumiex mahsuba biex jipprovdu ghall-protezzjoni ta' reputazzjonijiet kummercjali u b'hekk ma jezistux l-estremi tal-applikazzjoni ta' din id-dispozizzjoni legali fil-kaz in dizamina, qieghda tichad din it-talba.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 279(a), 289(1), 334(a) u 335 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qieghda ssib lil TIMOTHY JOSEPH ABELA hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih izda b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tilliberah bla hsara ghall-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor matul perijodu ta' tliet (3) snin.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tordna wkoll lil TIMOTHY JOSEPH ABELA jhallas lis-socjeta` Titan International Limited is-somma ta' tliet mija u hamsin Euro (€350) b'kumpens ghat-telf soffert minnha, liema somma ghandha tithallas sa mhux iktar tard minn tliet (3) xhur mil-lum.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.**

**Billi ma jirrizultax li gew mahtura xi esperti f'dawn il-proceduri jew fil-*proces-verbal* tal-inkjesta, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba maghmula mill-Prosekuzzjoni ghall-finijiet tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO (ft)**
**MAGISTRAT.**

**Marilyn Lauria Marmara**
**Deputat Registratur**